# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 285/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Jeffrey Micallef**

Seduta tal-24 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jeffrey Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 398684M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Novembru, 2012 ghall-habta tat-08:10hrs gewwa Triq Sant' Andrija, Swieqi:

1) Saq vettura nru. FBN-462 jew kellu kontroll tal-vettura fit-triq jew f' post pubbliku wara li kkunsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs kien izjed mil-Limitu preskritt (46ug/100ml)

2) Saq l-imsemmija vettura b' manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza

3) U meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jocelyn Attard skond kif iccertifika Dr Anthea Brincat MB Reg No 5329 mill-M.D.H

4) U aktar meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Mifsud skond kif iccertifika Dr Colin NG M.D. Reg. No. 5363 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti li jkun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Mejju, 2016 li biha wara rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-3 t' Awwissu, 2015 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 226(1)(a) u (c) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15B u 15H u 15(1)(a)(2) u (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu multa ta' elfejn ewro (€2,000) u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur;

.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **tirrevoka** s-sentenza fuq indikata tal-20 ta' Mejju, 2016 moghtija

mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi tilliberah minnhom u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell fuq l-apprezzament tal-provi kif ukoll mill-piena erogata mill-ewwel Qorti. Fl-ewwel aggravvju tieghu l-appellant jghid li l-Qorti tal-ewwel grad ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti bil-konsegwenza li waslet ghall-konkluzzjonijiet fattwalment zbaljati li jirrendu s-sentenza *unsafe and unsatisfactory*. Dan jirrikjedi ezami mill-gdid u approfondit tal-provi sabiex din il-Qorti tkun fil-qaghda li tikkonkludi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;
2. Fil-mertu, l-fatti jirrigwardaw incident stradali bejn zewg vetturi konsegwenza ta' liema persuni sofrew offizi fuq il-persuna taghhom. Tajjeb li jinghad qabel xejn illi l-incident sehh f'Novembru 2012 u l-proceduri kontra l-appellant inizzjaw f'Ottubru 2013 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li, izda, kellhom jinizzjaw mill-gdid quddiem il-Qorti Istruttorja wara li mix-xhieda rrizulta li l-mertu kien jezorbita il-kompetenza originali tal-Qorti. Ghall-habta tat-8.10 am, vettura misjuqa minn Joclyn Attard kienet ghaddejja fi triq

Sant'Adrija, Swieqi mid-direzzjoni ta' San Giljan ghal-Bahar ic-Caghaq. Vettura ohra misjuqa mill-appellant, kienet gejja mid-direzzjoni opposta u proprju fil-liwja tat-triq fejn precedentement kien hemm il-Forum Hotel, sehhet din il-kollizzjoni. Isegwi ghalhekk li jsir ezami tad-deposizzjoni taz-zewg sewwieqa u x-xhieda l-ohra;

3. Joclyn Attard xehed illi waqt li kien qed isuq u wasal f'dik il-parti fejn it-triq fiha liwja, vettura li kienet gejja fuq il-karreggjata opposta baqghet diehla dritt ghal-fuqu. Kawza ta' dan sofra offizi gravi konsistenti fi ksur tas-swaba ta' saqajh. Din it-triq ghandha kareggjata wahda fuq kull naha izda aktar 'l fuq tiftah ghall-zewg kareggjati fuq kull naha;

4. L-imputat xehed illi kien gej mid-direzzjoni opposta ghall-dik ta' Joclyn Attard , ghaddej bi speed normali bejn 40 u 50 minghajr ma jghid jekk dawn humiex mili jew kilometri fis-siegha. Jghid li t-triq fiha zewg kareggjati u kien ghaddej fuq dik ta' barra meta appena kien se jispicca il-liwja jara lill-vettura l-ohra gejja fuq il-kareggjata tieghu u laqtu lil xulxin fanal ma' fanal. L-imputat jghid li hu dejjem kien u baqa fuq in-naha tieghu. Kwantu ghall-aspett ta' konsum ta' alkahol, l-imputat xehed illi kien jinsab fi stat normali ghaliex kull ma kien xorob kien hames jew l-aktar sitt *drinks*. Huwa kien ghadu kemm nizel lejn Paceville u x'hin nizel telaq lejn Bugibba u ma xorobx aktar. It-test tan-nifs ittihidlu waqt li kien l-isptar u jghid illi ftit qabel kien inghata xi pilloli ghall-ugiegh fuq rikjesta tieghu ghaliex kien migugh;

5. Mario Mifusd, passiggier fuq quddiem fil-vettura misjuqa mill-imputat jghid li kull ma jaf hu li sema hoss ta' *brake* u li faqa' l-*windscreen* b'rasu. Gheryl Gauci Micallef, ukoll passiggier fuq wara ta' din il-vettura, tghid illi l-impatt sar fil-liwja tat-triq fejn hemm erba kareggjati meta l-vettura l-ohra giet fuq il-kareggjata taghhom. Tghid ukoll li mill-vettura ta' Attard hargu zewg min nies;

6. Oltre dawn ix-xhieda, hemm ukoll dawk id-deposizzjonijet tal-ufficcjali tal-Pulizija u tat-tobba, izda l-offizi ma hemm ebda kontestatzzjoni dwarhom u ghalhekk mhux mehtieg ezami ta' dawn l-ahhar. Dawk tal-Pulizijia issir referenza ghalihom aktar 'l quddiem. Issa kwantu, l-kwistjoni ta' sewqan taht l-influenza tax-xorb, l-appellant jargumenta illi r-rizultat ta' 0.46mg, li allura huwa oltre l-limitu ta' 0.35mg, huwa dovut ghall-fatt li kkonsma xi pilloli ghal kontra l-ugiegh meta ttehidlu t-test gewwa l-Isptar. Il-hin tat-test fuq ir-rizultat juri li sar fil-10.08am. Dan hu dovut ghal fatt illi l-appellant ittiehed l-isptar wara l-incident. PS 1575 xehed illi dakinhar kien ordnat jaccedi l-isptar biex jaghmel test tan-nifs lill-appellant u qabel pproceda biex jinizzja t-test, kien staqsa lit-tabib li kien jarah jekk setghax jaghmel dan it-test li wiegbu fl-affermattiv, ghadda biex jaghti twissja lill-imputat li minn naha tieghu accetta li jsir it-test. Dwar dan il-fatt, l-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-imputat ma ressaq ebda prova li kien kkonsma xi pilloli precedenti t-test, haga li seta jaghmel facilment, u ghalhekk ma setghax jitqies li rnexxielu almenu sal grad tal-probabbli li t-test kien wiehed alterat u null. Din il-konkluzzjoni hija wahda korretta. L-appellant kellu kull mezz sabiex jipprova sal grad tal-probabbli mhux biss li kien ikkonsma xi pilloli izda ukoll li tali konsum jista' jkollu effett fuq ir-rizultat tat-test. Dak li hu ghalhekk fatt sostenibbli hu li satghejn wara l-incident, l-appellant irrizulta posittiv ghall-konsum ta' alkohol li wara kollox *ex admissis* jikkonferma li f'xi hin kien ikkonsma hames jew sitt *drinks* ;

7. Kwantu s-sejbien ta' htija fuq dak li jirrigwarda n-natura tas-sewqan tieghu kif deskritt fl-imputazzjoni, l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-vettura misjuqa minn Attard spiccat imbuttata lura. Huwa jsostni li dan ma kienx minnu ghaliex il-vettura ta' Attard dahlet f'*bus stop* aktar 'l fuq mill-punt ta' impatt u telghet fuq bankina. Skond l-appellant huwa ovvju li dak li sehh kien li l-vettura ta' Attard habtet ma' dik tal-imputat u daret ghal

fuq il-bankina u l-*bus stop.* Dan jorbot mal-argument sussegwenti tieghu li l-hsarat fil-vetturi juru kif sar l-impatt ghaliex dik tal-imputat kellha hsarat principalment fuq il-lemin taghha filwaqt illi dik ta' Attard kelha hsarat fuq in-naha ta' quddiem;

8. Issa, a fol 80 tal-atti processwali hemm esebit skizz tal-Pulizija. Fejn tidher triq fil-konfigurazzjoni ta' liwja maqsuma fi tnejn b'linja kontinwa u doppja. Fin-nofs tal-kareggjata minn fejn kien hemm ghaddejja l-vettura ta' Attard, hemm indikat *debris* li, a skans ta' indizzju kontrarju, juri l-post fejn sar l-impatt – mhux f'nofs tat-triq fuq il-linja kontinwa, izda proprju fin-nofs tal-kareggjata ta' Attard pjuttost aktar lejn il-bankina fuq ix-xellug tieghu. Kif allura l-appellant jistenna li jkun emnut meta jghid li kienet il-vettura ta' Attard li dahlet fuqu u kif jazzarda jghid li l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti kienet zbaljata tenut dan il-fatti indisputabbli? Mhu minnu xejn li l-vettura ta' Attard dahlet fuq *bus stop*. Fatt dan ivvintat u denju li jkun depolarat minn din il-Qorti. Jekk l-appellant qed jistrieh fuq l-istampa minn gurnal esebita a fol 92, dan juri stampa ta' tlett habtiet fi tlett lokalitajiet differenti. Dik dwar il-habta in ezami ma turi ebda *bus stop*. Dik fejn tidher vettura mahbuta f'*bus stop* hija dwar vettura tal-marka Peugot u misjuqa, skond il-*caption*, minn persuna ta' 23 sena u nkonfutabilment f'post li juri bic-car li mhux dak in kwistjoni. Fil-kaz hawn skrutinat, huwa bil-wisq evidenti illi l-vettura ta' Attard, mhux semplicement imxiet lura mal-impatt talli kienet imbuttata lura b'tali mod li r-roti ta' wara addiritura telghu il-bankina u l-vettura strahet mal-hajt. L-argument tal-appellant ghalhekk jirrazzenta l-fierah ghaliex huwa biss attentat fjakk biex jizvaluta fatti inkonfutabbli jekk mhux ukoll il-logika u adirittura l-ligi tax-xjenza;

9. L-appellant ma ressaq ebda lanjanza dwar jekk is-sewqan tieghu kellux ikun meqjus bhala traskurat u perikoluz (it-tieni imputazzjoni) jew jekk il-habta saritx b'nuqqas ta' hsieb jew ta' hila

(ir-raba imputazzjoni). Huwa kkoncentra l-aggravji tieghu dwar il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti kwantu min kien responsabbli ghall dan l-incident. Ghalhekk din il-Qorti mhix ser tinoltra dwar id-decizzjoni tal-ewwel Qorti fejn bid-decizzjoni taghha kkonkludiet li tali sewqan kien jammonta ghall-dak kif deskritt fl-imputazzjonijiet;

10. Kwantu ghal-piena erogata, u l-konsegwenzjali tal-iskwalifika tal-licenzja, din il-Qorti ma tara xejn li jista' b'xi mod, anke jekk remotament, jikkonduciha tahseb diversament mill-Ewwel Qorti;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud u l-iskwalifika tal-licenzja tibda sehh minn nofs il-lejl tal-lum.